25 ta' Lulju, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Francesca Caruana

**Frode — Pensjoni tax-Xjuħ — Art. 323 tal-Kap. 12 — Att XXV ta' l-1948.**

*Biex ikun hemm id-delitt ta' frode kontemplat fl-art. 323 tal-Kodiċi Kriminali, huwa meħtieġ li jirrikorru l-element tal-qliegħ, dak tal-qerq li bih per mezz tiegħu sar il-qliegħ, u dak tal-ħsara ta' ħadd ieħor.*

*Imma biex ikun hemm dan il-qerq, ma hemmx bżonn li jiġu adoperati raġġiri jew artifizji li jinganaw il-bwona fede. Dawn ir-raġġiri jew artifizji ma humiex meħtieġa, billi huwa biżżejjed kull qerq ieħor li jissorprendi l-bwona fede tad-danneġġjat. Għaldaqstant anki d-dissimulazzjoni personali tista' tammonta għal qerq u mġiebba frawdolenta, meta tkun adoperata għall-finijiet ta' qliegħ għad-dannu ta' ħadd ieħor, fil-każ ta' meta r-retiċenza għandha tkun eskluża.*

*Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, fil-każ preżenti, il-Qorti qatgħet li l-imputata kienet ħatja ta' frode billi ppreżentat ruħha biex tinkassa pensjoni tax-xjuħ fl-isem ta' missierha, li kien mejjet, mingħajr ma semmiet xejn il-fatt tal-mewt tiegħu, u nkassat dik il-pensjoni f'ismu.*

Il-Qorti, — Rat l-attijiet kompilati kontra Francesca Caruana fuq l-imputazzjoni li matul l-aħħar tnax il-xahar ta' qabel it-taħrika, f'Birkirkara, għaliha nfisha u bħala aġenta ta' missierha Salvu Grech, sabiex tikseb u tkompli tieħu l-pensjoni taħt l-Att ta' Pensjonijiet tax-Xjuħ, numru XXV tal-1948, għax riedet u bi traskuraġni, għamlet dikjarazzjoni falza u wriet ħaġa b'oħra, u b'hekk għamlet qliegħ mingħajr ma ħaqqha ta' £2. 8. 0 rigward il-mejjet missierha bi ħsara tal-Gvern Ċivili;

Rat in-nota ta' l-Attorney General tal-11 ta' Mejju 1953, li biha l-attijiet ġew mibgħuta lura lil din il-Qorti ħalli l-istess tiddeċidi fuq il-ħtija ta' kompetenza tagħha li tista' tinsab taħt dak li hemm maħsub fl-art. 323, 324(1)(c) tal-Ko-

diċi Kriminali, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ta' Malta tad-29 ta' Mejju 1953, li sabet lill-akkużata mhix ħatja tad-delitt ta' frodi skond l-art. 323 tal-Kodiċi Kriminali, li tiegħu ġiet akkużata bl-imsemmija nota tal-Attorney General tal-11 ta' Mejju 1953, u għalhekk illiberatha;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li appella minn dik is-sentenza quddiem dil-Qorti;

Semgħet sew l-Avukat tal-Kuruna kemm l-avukat ta l-akkużata, u rat l-attijiet tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-akkużata fuq il-konsiderazzjoni illi, biex ikun hemm il-frodi, mhux biżżejjed li tonqos li tgħid ċerti fatti, jew li tgħid xi fatti li ma jkunux veri, imma jrid ikun hemm xi artifizi u raġġiri biex jingannaw il-"buona fede". L-Attorney General appella għax jippretendi li l-Ewwel Qorti nterpretat ħażin il-liġi, għax għad-delitt kontemplat fl-art. 323 tal-Kodiċi Krimnali, li tiegħu ġiet akkużata Francesca Caruana, mhuwiex rikjest l-element tal-"messa in scena", kostitwita mir-raġġiri u artifizi;

Ikkunsidrat;

Illi l-liġi, wara li fl-art. 322 tal-Kodiċi Kriminali tik-kontempla d-delitt ta' min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra, sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħadd ieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħadd ieħor, fl-art. 323 tik-kontempla delitt ieħor, ta' "kull min, bi ħsara ta' ħadd ieħor, jagħmel qliegħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel". Għal dan id-delitt ir-raġġiri u l-artifizi, u x-xorta ta' qerq kontemplat fl-art. 322, mhumiex meħtieġa. U tabilħaqq, l-elementi ta' dana d-delitt huma l-qliegħ, il-qerq li per mezz tiegħu sar il-qliegħ, u l-ħsara ta' ħadd ieħor. U l-qerq meħtieġ mhuwiex ix-xorta ta' qerq kontemplat fl-art. 322, għax inkella d-delitt ikun identiku bħal dak ta' l-ar-

tikolu precedenti;

Il-Qorti Kriminali, kostitwita kolleġjament, fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April 1908, in re "Rex vs. Alessandro Cesareo", ikkunsidrat il-każ ta' min ippreżenta ruħu falsament bħala kuntrattur tal-militar, u b'hekk xtara madum bid-dejn għad-dannu ta' min biegħhomlu; u qalet:— "Atteso che il delitto dedotto contro l'accusato è quello contemplato nell' art. 311 (il-lum 323) delle Leggi Criminali, ove la legge coipisce di pena chiunque facesse lucro fraudolento a danno altrui, senza richiedere alcuna delle condizioni che essa esige per costituire il delitto contemplato nel precedente articolo 310; atteso che, quantunque i fatti incolpati all'accusato nell'atto di accusa non presentano talvolta i caratteri del delitto nel detto art. 310, tuttavia, però, essi non mancano di costituire uno di quegli atti fraudolenti contemplati nel detto articolo 311, ove il legislatore ha voluto, con parole generali e comprensive, reprimere gli atti criminosi i quali, quantunque non aventi la gravità di quelli specificati nelle disposizioni che precedono quell'articolo, era pure d'uopo di punire";

U dina l-Qorti, fis-sentenza tas-26 ta' Jannar 1948, in re "Pulizija vs. Spiridione Falzon", irriteniet illi s-sempliċi affermazzjoni qarrieqa ta' min jippreżenta ruħu falsament bħala t-tali, u b'hekk jagħmel qligħ għad-dannu ta' ħadd ieħor, anki fl-assenza ta' ebda ħaġa oħra li tagħti xi kreditu lil dik il-preżentazzjoni, tikkostitwixxi d-delitt kontemplat fl-art. 323 tal-Kodiċi Kriminali;

Dana juri li anki skond il-ġurisprudenza ta' dina l-Qorti, għad-delitt kontemplat fl-art. 323 m'humiex meħtieġa r-raġġiri u l-artifizi, iżda hu biżżejjed xi qerq ieħor li jissorprendi l-bona fede tad-danneġġjat; u għalhekk anki d-dissimulazzjoni personali tista' tammonta għal qerq u mġieba frawdolenta, meta tkun adoperata għal fini ta' qligħ għad-dannu ta' ħadd ieħor, fil-każ ta' meta r-retiċenza għandha tkun eskluża;

Anzi fil-ġurisprudenza taljana marru aktar 'il bogħod milli hija disposta tmur dil-Qorti fl-interpretazzjoni tal-liġi tagħna, peress li anki għat-truffa stess dik il-ġurisprudenza kkuntentat bis-sempliċi dissimulazzjoni personali u rrikonoxxiet fiha l-qerq ingannatur; għax il-Maino, li jiċċita sentenzi

*tal-Cassazione di Torino, jgħid*:— "Così in giurisprudenza ha potuto giudicarsi truffa per dissimulazione il fatto di chi, avendo cessato di essere al servizio di una persona, si valga della ignoranza dei terzi in ordine alla cessazione di codesto suo rapporto, per presentarsi ad esigere da loro somme nel nome del già principale" (Commento al Codice Penale, Vol. IV, no. 1925, p. 86);

**Ikkunsidrat**;

Illi min dan li ntqal jidher li, ladarba m'huwiex meħtieġ l-element *tar-raġġiri u artifizi biex jingannaw* il-bona fede, l-Ewwel Qorti nterpretat ħażin il-liġi; u għalhekk is-sentenza, li b'dik l-interpretazzjoni ħażina illiberat lill-akkużata, hija appellabili għall-Attorney General;

**Ikkunsidrat**;

Illi mill-provi rriżulta li l-akkużata, bħala mandatarja ta' missierha, kienet soltu tmur tinkassa għal dak missierha l-pensjoni tax-xjuħ ta' 12s. fil-ġimgħa. Missierha, Salvu Grech, miet fl-24 ta' Ottubru 1952, meta kellu jieħu ta' ġimgħa *pensjoni li kien għadu ma rtirax*. B'dana kollu l-akkużata marret bħas-soltu fit-18 ta' Novembru 1952, u, bħal li kieku missierha kien għadu ħaj, bla ma qalet xejn fuq il-mewt ta' missierha, irtirat il-pensjoni ta' erba' ġimgħat. B'hekk hija ddissimulat fatt deċiżiv li kien itemm il-mandat tagħha u d-dritt għall-pensjoni ta' l-aħħar tliet ġimgħat; bil-konsegwenza li ġiet sorpriża l-bona fede ta' l-uffiċjal inkarigat mill-ħlas tal-pensjonijiet u sar qliegħ għad-dannu tal-Gvern Ċivili ta' Malta. Bil-fatt li eżiġiet il-pensjoni, ladarba dina kienet tippresupponi li *t-titolari benefiċjat* kien għadu ħaj, l-akkużata impliċitament kienet qiegħda turi ħaġa b'oħra, jiġifieri li missierha kien għadu ħaj. Fil-qliegħ tal-pensjoni ta' l-ewwel ġimgħa, il-Qorti taċċetta t-teżi tal-bona fede ta' l-akkużata, li verosimilment setgħet ħasbet li tista' teħodha, peress li kienet dovuta lil missierha u preżumibilment hija kienet waħda mill-werrieta; iżda b'ebda raġuni ma setgħet l-akkużata tippretendi li tirtira pensjoni għaż-żmien ta' wara l-mewt ta' missierha. Ir-retiċenza tagħha u d-dissimulazzjoni ma kienetx ġustifikata, u ma setgħetx ma kienetx qarrieqa, u ġiebet fil-fatti qliegħ inġust għad-dannu tal-Gvern. Għaldaqstant fil-fatt ta'

l-inkass tal-pensjoni *ta' l-aħħar tliet ġimgħat da parti ta'* l-akkużata kienu jirrikorru l-elementi tad-delitt kontemplat fl-art. 323 u 324 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali;

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista tal-preċedenti bona kondotta ta' l-akkużata u *ta' l-entità żgħira* tad-dannu, hemm lok ta' l-applikazzjoni ta' l-art. 23 *tal-Kodiċi Kriminali;*

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Attorney General, *tirrevoka s-sentenza* appellata, issib lill-akkużata ħatja ta' *qliegħ ta' anqas minn £3 b'qerq bi ħsara ta'* ħadd ieħor, skond l-art. 323 u 324 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali, iżda tordna li l-akkużata *tiġi liberata* taħt id-dispożizzjoni ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali.